# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Novembru 2001**

**Numru 3**

**Avviz. numru 632/00mm**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Carmel Vella Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Mejju 2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u tlettax-il lira Maltin u disgha u erbghin centezmi (Lm313.49c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' hsarat li hija kkagonat fuq cables appartenenti lis-socjeta' attrici fi Frar tal-1999 fi Triq il-Mithna l-Qadima, Mellieha u dana skond ma jidher mill-prospett Dok A.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tal-ittra ufficjali datata 26 ta’ Novembru 1999 u bl-interessi legali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha peress illi meta saru x-xogholijiet fit-triq indikata fl-avviz, kien hemm il-permessi kollha relattivi ghall-istess xogholijiet u fil-fatt rapprezentanti tal-Maltacom plc kienu ndikaw minn fejn kienu ghaddejjin il-cables taghha u l-fond taht il-livell tat-triq, pero’ meta effettivament saru x-xogholijiet instab, bhala stat ta’ fatt, illi kien hemm cables mhux immarkati kif suppost, b’dan illi r-responsabbilta’ tal-hsarat ma jista qatt jigi attribwit lis-socjeta’ konvenuta, anzi jinghad illi kienet is-socjeta’ attrici stess li agixxiet b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni li seta holoq anke perikolu serju ghall-istess haddiema tas-socjeta’ konvenuta.

2. Fit-tieni lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont riklamat mill-korporazzjoni attrici huwa wiehed esagerat.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kollha kontra l-korporazzjoni attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda hsarat ikkagonati lill-cables tal-Maltacom waqt xoghol ta’ skavar li kien qed isir il-Mellieha f’Old Mill Street, kantuniera ma’ St Mary Street, liema xoghol ta’ skavar kien qed isir mis-socjeta’ konvenuta Carmel Vella Limited.

Irrizulta mill-provi illi din l-ahhar socjeta’ gabet il-permessi kollha sabiex taghmel dan ix-xoghol ta’ skavar. Inkluz f’dawn il-permessi kien hemm dawk tal-Maltacom, illi qabel ma bdew ix-xogholijiet baghtet persuna sabiex timmarka dawn il-cables. Is-socjeta’ Maltacom m’ghandhiex *cable detector* u ghalhekk dawn il-cables gew immarkati abbazi ta’ pjanti li kellha. Is-socjeta’ konvenuta giet moghtija istruzzjonijiet sabiex izzomm sa metru u nofs minn kull nahha ta’ dawn il-marki peress illi jista jkun illi dawn il-cables ma jkunux ezatt taht il-post illi gew immarkati. Dan ix-xoghol ta’ skavar beda u jidher li f’xi hin cable minnhom gie milqut u ghalhekk is-socjeta’ konvenuta giet mitluba taghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat.

John Cauchi ghas-socjeta’ konvenuta jghid li huwa kien il-foreman li kien qed jissorvelja x-xoghol ta’ l-iskavar. Ighid li huma kienu ghadhom fl-istadju li jnehhu t-tarmac mill-wicc tat-triq meta f’daqqa wahda tfacca dan il-cable u saritlu din il-hsara.

Cauchi qal li dan il-cable kien mahrug mill-pipe tieghu u kien biss xi sitta jew tminn pulzieri taht il-wicc tat-triq. Xehed illi dana ma kienx normali u ma kienx previst li kien daqshekk vicin taht il- wicc tat-triq.

Il-Qorti tosserva li anke x-xhieda migjuba mis-socjeta' attrici mhumiex daqshekk certi dwar il-fond tal-cables taghhom. Per ezempju Victor Busuttil a fol 10 jghid illi ma hemmx regola fissa kemm ikun fond il-cable, pero' mill-esperjenza li ghandu bhala *average* dejjem ikun hemm dawk iz-zewg piedi taht l-art. Victor Busuttil ma marx fuq il-post biex jara l-hsarat.

Paul Darmanin mis-socjeta' attrici kellu jmur jimmarka dawn il-cables fit-triq kif fil-fatt ghamel, pero' ma kienx prezenti meta ntlaqat il-cable in kwistjoni. Tant hu hekk a fol 13 ighid illi huwa gie nfurmat illi ntlaqat il-cable. Dan ix-xhud qal illi hemm zewg sistemi ta' cables, dawk antiki li jitqieghdu fuq barra u l-cables il-godda illi qieghdin gol-katusi. F'dan il-kaz partikolari pero' ma kienx jaf ezattament x'kien hemm. Minn din ix-xhieda ghalhekk huwa ovvju illi hadd minnhom ma ra dan il-cable illi gie milqut u hadd minnhom ma setgha jghid f'liema fond kien dan il-cable, ghalhekk l-unika xhud okulari huwa l-foreman tas-socjeta' konvenuta illi jghid illi l-cable kien imqabbez il-fuq b'mod illi kien biss ftit pulzieri taht il-wicc u peress illi t-tarmac hija l-ewwel haga li jitnehha, hekk kif bdew inehhu dan it-tarmac tfacca l-cable u saret il-hsara. Ma kienx mistenni illi l-cable jkun daqshekk vicin il-wicc tat-triq.

Ikkunsidrat:

Sabiex is-socjeta’ konvenuta tkun responsabbli ghal dawn il-hsarat irid jigi pruvat element ta’ traskuragni minn nahha taghha. Irrizulta mill-provi illi s-socjeta’ konvenuta talbet u ottjeniet il-permessi kollha sabiex taghmel dan ix-xoghol ta’ skavar. Mhux hekk biss izda rapprezentant tas-socjeta’ attrici mar fuq il-post u mmarka dawn il-cables li kellha fuq pjanta. Gew moghtija istruzzjonijiet sabiex is-socjeta’ konvenuta thaffer mal-metru u nofs l-boghod minn dawn il-linji illi ghamel ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici. Jidher pero’ illi dana ma kienx bizzejjed, peress illi hekk kif beda jitnehha t-tarmac tal-wicc tfacca dan il-cable.

Bhal ma xehdu r-rapprezentanti tas-socjeta’ attrici huwa normali illi *on an average* il-cable jkun maz-zewg piedi jew zewg piedi u nofs taht l-art. F’dan il-kaz il-cable kien qieghed biss ftit pulzieri. Bir-ragun is-socjeta’ konvenuta ma kienetx qed tistenna li ser issib cable daqshekk vicin il-wicc. Hadd ma gibed l-attenzjoni taghha li setgha kien hemm il-possibilta’ ta’ cable ftit pulzieri biss taht il-wicc tat-triq u ghalhekk ladarba dana ma kienx previst, il-Qorti ma tara l-ebda att traskurat da parti tas-socjeta’ konvenuta.

Hija haga normali li qabel ma jibda x-xoghol ta’ skavar jitnehha t-tarmac tal-wicc u dan it-tarmac jitnehha bl-ingenji. Dina hija prattika accettabbli u wzata konstantament fix-xoghol ta’ skavar. Huwa biss fl-istadju ta’ iskavar proprja u vicin il-cables li x-xoghol isir bl-idejn. F’dan il-kaz bhal ma diga nghad, is-socjeta’ konvenuta agixxiet skond il-prassi normali tal-mistier u ghalhekk

il-Qorti ma tarax xi nuqqas minn nahha taghha li setgha wassal ghal din il-hsara subita mis-socjeta' attrici. Ghalhekk la ma hemmx l-element ta' traskuragni l-Qorti ma tarax kif jista jkun hemm responsabilta'.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta. Tichad it-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit

Dep Reg